# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru tnejn u erbgħin (42) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar l-1 ta' Frar 2010 fis-6:40pm fil-Bini Amministrattiv tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Din il-laqgħa nżammet illum u mhux skond l-aġenda mibgħuta iktar kmieni li kienet se tlaqqa' dan il-Kunsill nhar il-25 ta' Jannar 2010 għaliex kemm is-Sindku Noel Galea kif ukoll il-Kunsillier Grace Marie Mallia kienu indisposti.

1. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu ilhom mibgħuta bl-*e-mail* lill-kunsillieri. Dawn ipproponew xi amendi fihom li kienu aċċettati mill-kunsillieri sħabhom, u kienu approvati u ffirmati.

3. Qabel ma bdiet din is-seduta is-segretarju eżekuttiv fetaħ il-kaxxa tal-offerti u minnha ġew imtella' bil-polza żewġ ismijiet minn fost għaxriet ta' persuni li kkompetew fil-**kompetizzjoni tal-logħba bil-kliem tal-fuljett ħarġa 49**. Ir-rebbieħa se jmorru għal ikla (żewġ persuni) fil-*Victoria Hotel* tas-Sliema. Dawk imtellgħin bil-polza kienu is-Sur Ramon Zammit u s-Sinjura/ina Mary Mallia. Dawn il-biljetti kienu miksuba wara li l-istess tmexxija tal-lukanda għamlet reklam f'dan l-istess fuljett. Ta' min jgħid li sfortunatament ħadd ma pparteċipa fil-kompetizzjoni l-oħra li inawgura l-kunsill sabiex isir *token* ġenerali li hu maħsub li jibda jingħata lil min jieħu 'Ġieħ l-Imqabba'. Għaldaqstant il-biljett l-ieħor li tatna l-lukanda imsemmija hawn fuq, għal *week end break*, ma ntrebaħx, minkejja li s-sindku kif ukoll Nicholas Briffa qalu li se jippreżentaw xi mudell biex ikun ikkunsidrat mill-kunsillieri l-oħra.

4. Dwar il-propost ***coffee morning,*** is-sindku ppropona li jsir f'wieħed mill-***Garden Centres*** li jeżistu f'pajjiżna. B'hekk iservi mhux biss ta' rekrejazzjoni, iżda wkoll biex inissel aktar imħabba għall-pjanti, siġar u xtieli, biex dawn ikunu mpoġġija fil-postijiet l-aktar addattati f'darna.

5. Dwar l-***extensive patching*** li hu ttamat li jsir mill-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) fi Triq Valletta u Triq tas-Sejba kantuniera ma' Triq Ħal Farruġ, is-sindku qal li dan se jsir mill-kuntrattur *Asfaltar Ltd*.

6. Il-permess sabiex il-KLM jagħmel uffiċċju tal-***customer care*** fis-sular ta' isfel kien aċċettat mill-*MEPA*. Is-sindku qal li hu kien preżenti flimkien mal-Perit Anthony Bezzina għal din il-laqgħa u dawn saħqu li l-uffiċċju isfel se jservi għal dawk kollha li se jkunu moqdija mingħajr ma aktar il-bżonn li jitilgħu t-taraġ biex ikellmu lil xi ħadd fl-uffiċċju.

7. Dwar id-deċiżjoni tal-kunsill meħuda fil-jiem li għaddew biex issa **l-ismijiet ta' dawk li kien jimmeritahom 'Ġieħ l-Imqabba' i**kunu minquxa fuq pjanċa tal-i*stainless steel* minflok direttament fuq il-ħaġra, li għal xi żmien kienet qed tinżamm fl-Isptar il-Qadim, Charles

Farrugia qal li se jieħu ħsieb kollox imbasta ngħaddulu l-kelmiet korretti li se jkunu minquxa inkluż id-daqs tal-kliem u l-ispazji bejniethom.

8. Dwar il-proposta tagħna għall-**applikazzjoni għal enerġija alternattiva** li se tkun mgħoddija lid-Direttur Gvern Lokali bħala *late application*, is-sindku kien ta' l-ideja li nibdlu l-lampi kollha tal-ġonna għal dawk *energy saving*. Hu qal li wara li ġew magħduda l-*points* kollha tad-dwal ta' dawn il-ġonna, tal-Isptar il-Qadim kif ukoll dawk tal-Uffiċċju Muniċipali, hemm bżonn li fi Ġnien Tfal ir-Raħal, nikkunsidraw li nwaħħlu lanterni fuq arbli, biex tiżdied l-illuminazzjoni. Għaldaqstant kien deċiż li t-talba tagħna tkun tikkonsisti f'disa' arbli tal-*Cast Iron* b'illuminazzjoni b'lampi *energy savers* kif ukoll seba' fanali għal quddiem l-Iskola fi Triq Valletta. Hu qal li l-istima għal kull wieħed minn dawn il-lanterni fuq arbli se tkun ikkalkulata fuq €500–il wieħed.

9. Dwar irkuprar tal-iskart separat permezz tal-**Kumpanija *Green Pak*** se nippruvaw niftiehmu mal-Kap tal-Iskola Primarja Mqabba sabiex inpoġġu sett *separation bins* żgħar fid-daħla tal-librerija pubblika kif ukoll viċin il-Każin tal-Futbol, sett ta' *separation bins* akbar viċin il-bandli f'Misraħ il-Fidwa, kif ukoll niffirmaw it-tielet ftehim għat-tbattil tal-*Bring in Site* li bħal issa hija dik eżistenti tal-Kumpanija *WasteServ Malta Ltd.*, viċin iċ-ċimiterju fi Triq Ħal Kirkop.

10. Is-sindku fakkar li nhar il-Ħamis, 4 ta' Frar 2010, **il-kunsillieri se jiltaqgħu mal-kumitat ta' Santa Marija** u tajjeb illi jattendi kulħadd bħalma kienu mistiedna jattendu għal-laqgħa li nżammet nhar it-28 ta' Jannar 2010 mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju (SMMTĠ).

11. Kienu diskussi il-punti li ġew diskussi matul il-**laqgħa li kellna mas-SMMTĠ**. Il-punti ewlenin li kienu diskussi matul din il-laqgħa kienu dawn. Id-dewmien fit-tqassim ta' fuljetti tal-Kunsill b'referenza partikulari għal dik tal-laqgħa pubblika li nżammet l-għada 29 ta' Jannar, 2010, il-ħsarat fuq il-*projector screen* li allegatament seħħet fl-attività tat-2 ta' Ottubru 2009 mingħajr ma konna nafu li ntuża u li l-KLM issa aċċetta li jħallas, il-programm mużikali li qed jinżamm kull sena f'Jum l-Imqabba u l-insistenza tal-kunsill biex iż-żewġ baned jingħaqdu f'banda waħda biex ma jkunx hemm il-bżonn li jinġiebu bandisti barranin (jew jonqos dan) u jkun hemm aktar għaqda bejnietna għax tiżdied il-parteċipazzjoni tal-pubbliku Mqabbi, nuqqasijiet f'dan il-programm li inżamm issa matul dawn l-aħħar sentejn, prinċipalment bl-istediniet limitati tal-każini u l-inviti tal-kunsill li mhux qed jiġu aċċettati, il-propoganda, is-siltiet moqrija fuq il-kompożituri bħala introduzzjoni għan-*number* li jkun imiss, l-attività ta' Ottubru, id-dwal tal-Milied u l-investiment li għandu jsir (mill-KLM) fl-*energy saving* f'dan l-aspett, il-programm tal-ET il-President li allegatament kienu jafu bih tal-każin l-ieħor qabel tas-SMMTĠ u d-diffikultà tas-*seating*. Dwar din tal-aħħar huma qalu li ma kienetx ċara. Intant minkejja li ssemma is-segretarju eżekuttiv, ma kienx imdaħħal fiha, peress li hija trivjali fejn affarijiet ħafna aktar importanti li seħħew dak in-nhar. Għaldaqstant is-sindku involva biss lill-iskrivani tal-kunsill. Suġġeriment li kien diskuss fil-kunsill kien, illi nistgħu nabbinaw il-programm ta' Jum l-Imqabba mal-attivita' ta' l-1 ta' Ottubru 2010 billi saħansitra kien hemm proposta illi 'Ġieh l-Imqabba' jingħata waqt dan il-programm tal-"Imqabba mal-Medda taż-Żmien". Fuq kollox f'din il-laqgħa il-KLM ipprova jikkonvinċi lill-Kumitat Ċentrali li f'dak kollu li nagħmlu, irridu ninvolvu ż-żgħażagħ biex possibilment nibqgħu nattiraw fondi mill-Unjoni Ewropeja permezz tal-programm *Youth in Action.* Il-kunsillieri staqsew għal persuna li se tkun qed isservi fuq il-Kumitat Ċentrali biex tkun ta' *liason* mal-kunsill fl-attività L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien. Is-sindku informa lill-kumitat illi din is-sena se jkollna noħorġu saħansitra l-kwotazzjonijiet fil-gazzetta u l-każini jridu jibbiddjaw għalihom bħal ħaddieħor. Il-kunsillieri nsistew li ma kien hemm l-ebda aġenda moħbija f'dak kollu li sar li huma qed jgħidu li vvantaġġja lill-għaqda mużikali l-oħra.

12. Saret evalwazzjoni taż-**żjara uffiċċjali fostna tal-ET il-President ta' Malta,** George Abela u s-Sinjura li nżammet nhar il-Ħadd, 24 ta' Jannar 2010. Din kienet deskritta bħala waħda akkoljenti u li kienet organizzata tajjeb ħafna. Dawn kienu l-kummenti stess minn naħa tal-

Uffiċċju tal-President. Is-sindku qal li kulħadd ħa gost b'din iż-żjara, inkluż it-tfal li ltaqa' magħhom fin-*Nursery* tal-futbol kif ukoll l-anzjani li esebew ix-xogħlijiet tagħhom fl-Isptar il-Qadim. Din iż-żjara issa ikkumplimentat dik li kienu għamlu l-kunsillieri fil-palazz il-Belt Valletta, kif ukoll l-Assemblea Lokali li nżammet f'Jum l-Imqabba 2009, fejn ukoll kellna x-xorti li nilqgħu fostna l-ET il-President.

13. Il-**mozzjoni** ta' Nicholas Briffa biex il-Kunsill Lokali Mqabba jdur għal ftehim mal-kuntrattur tal-kisi tat-toroq bit-tarmak flok jieħu self mill-bank għal tmien snin, kienet issekondata minn Grace Marie Mallia. Wara li nqrat il-mozzjoni, Nicholas Briffa qal illi bl-ippjanar li għamel, u li ta rendikont tiegħu bil-miktub matul din is-seduta lill-kunsillieri preżenti, jista' jwassal biex sa tliet snin, (tmiem din il-leġiżlatura) il-kunsill ikun anke ħeles mid-dejn li jkollu mal-kuntrattur. Noel Galea qal li din il-mozzjoni, kif qed jiġi mitlub, ma tistax tirrevoka l-mozzjoni l-antika għax din ukoll taħseb għall-eventwalità li jista' jsir ftehim mal-kuntrattur, u fil-fatt diġà beda d-diskussjonijiet mal-kumpanija *Asfaltar Ltd*, billi flimkien kejlu *on-site* t-toroq waħda waħda. Hu qal li qed jaħdem biex hekk kif ilesti it-toroq kollha, l-kuntrattur jieħu *down payment* ta' €300,000. Matul id-diskussjoni kien diskuss anke metodu kif nistgħu niffrankaw il-flus bl-i*scarrifying* li jsir qabel ma jingħata l-wiċċ tat-triq. Charles Farrugia qal li għandna nitolbu l-*agreement* bil-miktub lill-Onor Chris Said MP LL.D., biex dawn il-fondi jgħadduhomlna matul din is-sena u b'hekk ikun hemm il-*committment* minn naħa tal-Gvern. Noel Galea qal li fl-istimi tagħna hemm ħlas tal-*contract manager* li huma inklużi fl-istima totali. Madankollu hu qal li fi tliet snin, kif propost fil-mozzjoni, mhux se jirnexxielna nfaddlu l-kumplament tal-ispiża li jkun irid joħroġ il-kunsill, u hu ibassar li rridu tal-inqas erba' snin biex nagħmlu dan. Hawn Charles Farrugia qal li għandna inżommu is-*safety valve* li jekk jiġri hekk, immorru fuq il-bank ħalli jiffinanzja l-kumplament. Nicholas Briffa qal li jekk imbgħad jinqala' xi ħaġa, fil-każ issir *contingency* u imbgħad nidħlu għall-fondi tal-kunsill fir-raba' sena. Infatti Charles Farrugia qal illi ġaladarba se mmissu mal-pajpijiet tal-ilma, allura se jkollna l-problemi żgur, u l-kuntrattur mhux se jaċċetta il-*lump sum* proposta minn Nicholas Briffa li qed tkun offruta lilu mingħajr ma jaf x'se jsib. Nicholas Briffa qal li hu kkalkulat li apparti dawn il-figuri, fuq is-self ta' €300,000, hemm l-interessi €900 *processing fees* tal-bank kif ukoll €2128 *renewal fees* pagabbli kull sena. Hu ta rendikont dettaljat illi inqara f'din is-seduta ta' kif nistgħu ninvestu l-flus f'kont *fixed* għal tliet snin kemm-il darba l-gvern jgħaddi dawn il-fondi minn qabel, u kif il-kunsill ikun jista' jħallas lill-kuntrattur bil-proposti kambjali fil-ħin.

14. Dwar din il-mozzjoni, fuq proposta tas-sindku ġie deċiż illi l-movent jagħmel ***statement*** peress li ma tteħidx vot fuqha, u peress li ċ-ċirkustanzi issa inbidlu. Nicholas Briffa qal li jidher li hawn spirtu ta' qbil fiċ-ċirkustanzi li nbidlu fejn il-Gvern Ċentrali lest joħroġ nofs l-ispiża u nofs l-ispiża l-oħra ser toħroġ mill-allokazzjoni tal-kunsill taħt il-vot ta' manutenzjoni tat-toroq fuq bażi ta' tliet snin, u hu lest jirtira l-mozzjoni għax l-iskop intlaħaq. Il-mozzjoni datata 02 ta' Marzu 2009 se tibqa' *in vigore*. Il-kunsill b'mod unanimu qed jaqbel illi jsiru t-toroq u ma jissellifx mill-bank iżda jsir ftehim mal-kuntrattur, kif wara kollox telenka l-mozzjoni oriġinali tat-02 ta' Marzu 2009, dik imressqa mis-sindku. L-aħjar *deal* mal-kuntrattur ser ikun ikkunsidrat iżda se nenfasizzaw illi jekk ilestihom kollha f'sena, jingħata €300,000 mill-ewwel.

15. Il-Kunsill Lokali Mqabba approva l-massimu tal-***performance bonus*** tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Iskrivani. Dan sar wara li ġie evalwat l-andament tagħhom għas-sena April-Diċembru 2009 u ħass li għandu jingħata għall-effiċjenza li bih qed jaħdem l-uffiċċju amministrattiv.

16. Il-Kunsill Lokali Mqabba approva l-***payment approval sheet*** numru 366.

17. Kienet diskussa r-**riżenja tal-librara** s-Sinjura Bridget Saliba. Ir-raġunijiet li ġabet għal din ir-reżenja kienet ir-remunerazzjoni miżera tagħha (li hija determinata mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi) flimkien ma' xi tfixkil fix-xogħol tagħha minn *hardware*. Noel Galea qal illi għandna nitolbu *ruling* kemm iddum fis-seħħ il-*waiting list* bl-eżitu tal-intervisti li saru mill-kunsill propju sitt xhur ilu biss. Noel Galea qal li Mersia Mackay, l-impjegata tal-kunsill, hija lesta li

timla dan il-vojt biex ma jkunx hemm skossi u jinġabru lura l-kotba li ħarġu fix-xhur li għaddew b'self.

18. F'punti oħra issemmiet il-**konka li hemm propju fil-pjazza maz-zuntier tal-Knisja**. Hawn intqal illi din meta kienet ġiet mimlija bil-konkos, ħadd ma ta każ u issa qed ittella' l-umdità għal maċ-ċint taz-zuntier. Għaldaqstant hemm bżonn li jinqata' l-konkos biċ-*chaser* u jimtela' l-ispazju bil-qatran likwidu, ħalli ma nirrovinawx iċ-ċint li għadu kemm inbena.

19. Kienet diskussa l-proposta tal-*Melita plc*, li jitpoġġa **pedestall fil-viċinanzi tal-*Youth Centre*** minflok l-arblu li se jinqala' minn quddiem il-binja l-ġdida fi Triq Karmenu Ciantar. Għall-bidu ir-rappreżentanti tal-*Melita* riedu jdeffsu dan il-*cabinet* fuq il-bankina fejn l-i*stage* tal-linja mad-dahar tal-Kappella ta' Santa Katerina. Din il-proposta kienet imwaqqa' aktar kmieni mis-segretarju eżekuttiv għaliex il-kappella hija skedata għall-importanza tagħha. Għaldaqstant kien deċiż li ssir laqgħa biex immorru fuq il-post nhar l-Erbgħa, fis-2:15pm mar-rappreżentanti ta' din il-kumpanija fejn ser niddeċiedu sit alternattiv biswit dak propost minnhom, *cioè* mal-ġenb tal-*Youth Centre* u postijiet oħra.

20. Is-sindku semma ż-żjara li kellu ma' rappreżentant Amerikan għall-***Ministries for Malta***. Is-Sur Mourney jixtieq li f'isem din l-għaqda, minkejja li mhix waħda nisranija (iżda Kattolika) jaddottaw il-villaġġ tal-Imqabba. Hu xtaq li jiltaqa' mal-kumplament tal-kunsill għada fis-6:00pm, biex jiddiskutu dan u fuq kollox jitolbu għalina. Qabel ma naċċettaw it-talba tagħhom se nindagaw aktar dwar din l-għaqda.

21. Għal talba li saritilna aktar kmieni, il-Kunsill Lokali Mqabba approva l-ħlas ta' €200 sabiex isiru l-arranġamenti ħalli l-kunsill ikollu ***slot* ta' kampanja pubbliċitarja** fuq l-istazzjon nazzjonali *PBS*. Din it-talba mwassla mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, se tirrendi biex inwasslu l-messaġġ tagħna fi programm li se jsir għall-kunsilli lokali bejn Jannar u Ġunju 2010 u fil-programm se jibbenefikaw 20 kunsill lokali.

22. L-applikazzjoni tagħna li mlejna għall-**Kunsill Malti għall-Arti, x-Xjenza u t-Teknoloġija** mimlija mill-uffiċċju tagħna aktar kmieni l-ġimgħa l-oħra, li ġġib l-isem *Science in the Community* kienet magħżula minn fost dawk tal-kunsilli lokali l-oħra. L-ewwel avveniment se jseħħ f'San Ġwann nhar is-7 ta' Frar 2010 u jista' jservina biex naraw sewwa sew x'se jiġri fir-raħal tagħna meta se nkunu qed nospitaw avveniment simili ġewwa l-Isptar il-Qadim.

23. Il-grupp ***Melita Nostra*** li se jkun ospitat ukoll fl-Imqabba nhar l-14 ta' Frar 2010, taħt il-mexxej tagħhom Salvatore Mousù, se jkollhom ukoll l-opportunità li jinżlu fil-Katakombi tal-Mentna wara trattati li saru mill-Viċi Sindku mas-Sur Kenneth Gambin tal-aġenzija *Heritage Malta*. Dan il-grupp se jdur fost l-oħrajn, il-Knisja, San Bażilju, l-Isptar il-Qadim u l-Katakombi.

24. Se nissuġġerixxu li l-laqgħa mitluba mill-**Ispettur Portelli tas-*CID***, sseħħ propju qabel il-laqgħa tal-kunsill nhar is-16 ta' Frar 2010, fis-6:30pm u nagħtuh ċans jitkellem bejn kwarta u nofs siegħa.

25. Għal-**laqgħa** li qed tiġi organizzata mill-***MEUSAC*** nhar l-Erbgħa, 3 ta' Frar 2010, se jattendi s-sindku. Din se ssir fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar filwaqt li Valerie Galea se tattendi s-sezzjoni ta' taħriġ tal-**GAL Xlokk** matul din il-ġimgħa wara li aktar kmieni s-sena l-oħra kienu organizzati laqgħat informattivi għas-segretarji eżekuttivi.

26. It-talba li għamilna mal-**Kunsill Lokali tas-Siġġiewi** biex ningħataw refużjoni għall-ispejjeż li għamilna *f'patching* viċin il-kmamar tan-nar, sfortunatament ma ġietx aċċettata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

27. L-applikazzjonijiet għall-**permessi tal-iżvilupp tal-*MEPA*,** bħala parti mir-riforma f'din l-awtorità, se jibdew ikunu qed jidhru fin-*notice board* tal-kunsilli lokali. Dan se jagħmluh huma u se nagħtuhom l-ispazju fin-*notice board* tal-pjazza.

28. Issemmiet *memo* tad-dipartiment li titkellem fuq l-organizzazzjoni tal-**konferenzi internazzjonali** mill-kunsilli lokali. Intqal illi il-lokalità ta' Pembroke se tospita konferenza ta' dan il-kobor u din tista' sservi biex wieħed jitgħallem mill-ieħor f'każ li 'l quddiem ikollna opportunità simili oħra. Paul Spiteri ser jara jekk hemmx xi opportunità li aħna wkoll nospitaw waħda.

29. Il-laqgħa ntemmet fid-9:25pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*16 /02 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |